(2) *Chocoladefabriken Lindt Sprüngli AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 260, 11.10.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2010 — Rubinstein u L'Oréal vs UASI — Allergan (BOTOLIST u BOTOCYL)**

**(Kawżi magħquda T-345/08 u T-357/08)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade marks Komunitarji verbali BOTOLIST u BOTOCYL — Trade marks nazzjonali figurattivi u verbali preċedenti BOTOX — Raġuni relattiva għal rifjut — Effett ħażin fuq ir-reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009)")***

(2011/C 46/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Helena Rubinstein SNC (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u J. Pagenberg, avukati) (Kawża T-345/08); u L'Oréal SA (Pariġi) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u J. Pagenberg, avukati) (Kawża T-357/08)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Allergan, Inc. (Irvine, California, l-Istati Uniti)

**Suġġett**

Fil-Kawża T-345/08, rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Mejju 2008 (Każ R 863/2007-1), dwar proċedimenti ta' kanċellazzjoni bejn Allergan, Inc. u Helena Rubinstein SNC, u, fil-Kawża T-357/08, rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-5 ta' Ġunju 2008 (Każ R 865/2007-1), dwar proċedimenti ta' kanċellazzjoni bejn Allergan, Inc. u L'Oréal SA.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*

(2) *Helena Rubinstein SNC hija kkundannata għall-ispejjeż fil-Kawża T-345/08.*

(3) *L'Oréal SA hija kkundannata għall-ispejjeż fil-Kawża T-357/08.*

([1]) ĠU C 272, 25.10.2008

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2010 — Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli vs UASI (Forma ta' qanpiena b'żigarella ħamra)**

**(Kawża T-346/08)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' qanpiena b'żigarella ħamra — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2011/C 46/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Chocoladefabriken Lindt Sprüngli AG (Kilchberg, l-Isvizzera) (rappreżentanti: R. Lange, E. Schalast u G. Hild, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Pohlmann, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-13 ta' Ġunju 2008 (Każ R 943/2007-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit mill-forma ta' qanpiena b'żigarella ħamra bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
(2) *Chocoladefabriken Lindt Sprüngli AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 260, 11.10.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2010 — Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli vs UASI (Forma ta' fenek taċ-ċikkulata)**

**(Kawża T-395/08)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' fenek taċ-ċikkulata — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Nuqqas ta' karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009)")***

(2011/C 46/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Chocoladefabriken Lindt Sprüngli AG (Kilchberg, l-Isvizzera) (rappreżentanti: R. Lange, E. Schalast u G. Hild, avukati)